MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-20 ta' Dicembru, 2013

Citazzjoni Numru. 1691/2000/1

**Edward Darmanin, Joseph Debono, Charles Borda Charles Grech u Mark Magro**

**vs**

**Korporazzjoni Enemalta**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:-

Illi huma impjegati mal-Korporazzjoni konvenuta EneMalta u ilhom ghal diversi snin jokkupaw karigi varji u diversi, pero’ kollha l-fuq minn skala 11 tas-salary scales kif indikati fil-ftehim kollettiv li jkopri l-perjodu mill-1 ta’ Jananr 1996 sal-31 ta’ Dicembru 1998, ffirmat bejn il-Korporazzjoni Enemalta u t-Taqsima Parastatali tal-General Workers Union (DOK A).

Illi fis-26 ta' Awissu 1998, il-Korporazzjoni konvenuta hatret lil certu Alfred Debono, ukoll impjegat tal-istess Korporazzjoni, fi grad ta' Operations Manager (Loss Constrol – Electricity), fi Skala 7 tas-salary scales ta' l-istess Korporazzjoni.

Illi din il-hatra saret b'effett mid-29 ta' Lulju 1998, l-istess data meta l-Bord tad-Diretturi ha d-decizjoni ta' tali hatra fil-laqgha numru 491, u permezz taghha dan l-istess Alfred Debono gie jokkupa skala 7 minn dik li kien fiha qabel, u cioe', skala 11 ta' l-istess salary scale.

Illi f'kull kaz iehor fejn ghandu jintela' grad, tigi segwita l-procedura propizja skond l-imsemmi Ftehim Kollettiv, u cioe', billi jinharrgu applikazzjonijiet u ssir l-ghazla minn fost dawk il-haddiema kollha li applikaw, hekk kif anke sar qabel il-hatra Alfred Debono u kif ukoll sussegwentament ghal kaz odjern, sia f'kazijiet ta' operations managers f'sezzjonijiet ohra u sia f'kazijiet ta' gradi ohrajn.
Illi fil-process ta' din il-hatra fil-grad ta' operations Manager (Loss Control – Electricity) ma gewx segwiti l-proceduri kif stipulati fil-ftehim kollettiv u partikolarment l-Artiklu 15 ta' l-istess Ftehim Kollettiv u l-grad kien mimli mhux skond il-proceduri mifthiema fil-ftehim kollettiv, izda billi l-persuna de quo kienet maghzula direttament, "hand-picked", mill-Bord tad-Diretturi tal-Korporazzjoni konvenuta b'decizjoni waqt laqgha ta' l-istess Bord kif hawn fuq spjegat.

Illi fiz-zmien li ttiehdet tali decizjoni mill-Bord tad-Diretturi tal-Korporazzjoni Enemata, l-istess Alfred Debono kien jokkupa l-kariga ta; Direttur Haddiem fl-istess Bord.

Illi bir-rizultat illi din il-hatra ghall-grad ta' Operations Manager (Loss Control – Electricity), li saret b'mod abusiv u illegali kif fuq premess, saret ingustizzja ma' l-atturi u di piu' huma sofrew danni konsistenti partikolarment f'telf ta' flus rapprezentanti fid-differenza fil-paga, bonuses u allowances mill-gradi/skala li huma jokkupaw ghall-skala 7 bhal ma hu dak ta' Oeprations Manager (Loss Control – Electricity).

Illi l-korporazzjoni Enemalta kienet interpellata anke permezz ta' protest gudizzjarju tat-30 ta' Gunju 2000 sabiex tiehu dawk il-mizuri kollha kerrettivi sabiex tithassar u tigi irrangata l-ingustizzja li saret ma' l-atturi u kif ukoll sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u konsegwenti hlas tad-danni sofferti mill-istess atturi konsegwenza ta' tali ingiustizzja maghmula mill-Korporazzjoni konvenuta maghhom, liema Korproazzjoni pero' baqghet inadempjenti.

Ghall-imsemmija ragunijiet l-atturi qed jitolbu li jigi dikjarat li fil-hatra ta' Operations Manager (Loss Control – Electricity) il-Korporazzjoni Enemalta agixxiet b'mod abusiv, illegali u kontra l-ftehim kollettiv hawn fuq riferit u l-proceduri li jistabilixxi l-istess ftehim kollettiv partikolarment fl-artiklu su-citat, u kwindi tigi dikjarata nulla u bla effett il-procedura kollha li saret ghall-hatra ta' Operations Manager (Loss Control – Electricity) u konsegwentament tigi dikjarata nulla u bla effett il-hatra moghtija mill-Korporazzjoni Enemalta lil Alfred Debono bhala Operations Manager (Loss Control – Electricity). Qed jintalab ukoll li jigi dikjarat li l-atturi kienu intitolati u eligibbli biex japplikaw ghal dan il-grad, u b'hekk soffrew ingustizzja u konsegwentament danni bl-agir illegali u abusiv tal-Korporazzjoni konvenuta.

Qed jigi ukoll mitlub li jigi ordnat lill-Korporazzjoni Enemalta sabiex fi zmien qasir u perentorju li tiffisha din l-Onorabbli Qorti, hija tiehu dawk il-passi kollha rimedjali sabiex tissewwa l-ingustizzja li saret mal-haddiema taghha hawnhekk atturi, anke billi jigi ordnat lill-Korporazzjoni Enemalta sabiex taderixxi ruhha mal-procedura kkomtemplata fil-ftehim kollettiv f'kull sejha ghall-hatra ta' Operations Manager, u dan taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-istess Qorti. Qed jigi ukoll mitlub li jigi dikjarat li l-Korporazzjoni EneMalta hi responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi, konsistenti partikolarment f'telf ta' flus rapprezentanti fid-differenza fil-paga, bonuses u allowances mill-gradi li jokkupaw ghal skala 7 bhal ma hu dak ta' Operations Manager; u kwindi li jigu likwidati dawn id-danni sofferti mill-atturi, okkorrendo permezz ta' hatra

ta’ perit u konsegwentement li l-Korporazzjoni konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi dik is-somma hekk likwidata u tali somma tigi dikjaata li hi dovuta lilhom in linea ta’ danni.

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-protest giudizzjarju tat-30 ta’ Gunju 2000, bl-imghaxijiet legali sad-data tal-hlas effettiv u b’rizerva ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-atturi kontra l-Korporazzjoni EneMalta konvenuta li giet ukoll ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni konvenuta fejn gie eccepit:-

Preliminarjament illi din il-qorti m’hijiex il-Qorti kompetenti ‘ratione materiae’, stante li semmai l-azzjoni tal-atturi kellha tigi ntavolata quddiem it-Tribunal Industrijali.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, illi l-azzjoni attrici hija assolutament infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez, stante li bl-ebda mod ma hu minnu li l-eccipjent mexa b’mod abbusiv u llegali fil-konfront tal-atturi jew li agixxa kontra l-Ftehim Kollettiv indikat fic-citazzjoni.

Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-atturi m’ghandhom l-ebda nteress guridiku fil-mertu tal-kawza, stante li ma jezisti l-ebda ksur tal-Ftehim Kollettiv u l-istess atturi naqsu milli jadixxu mal-procedura ndikata fl-Artikolu 46 tal-imsemmi Ftehim Kollettiv.

Fir-raba’ lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-atturi ma sofrew ebda danni kif allegat fic-citazzjoni in ezami.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Korporazzjoni konvenuita debitament ikkonfermata bil-guarament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) tad-9 ta' Jannar 2002 li biha giet michuda l-eccezzjoni preliminari tal-Korporazzjoni konvenuta dwar l-inkompetenza tal-Qorti "rationae materiae" u b'hekk gie dikjarat li din il-Qorti ghandha s-setgha li tisma u tiddeciedi din il-kawza.

Rat l-affidavits ta' kull attur.

Semghat lix-xhieda prodotti mill-atturi u cioe' Martin Bonello Cole, Joseph Grillo, Alfred Chetcuti u Nunzio Darmanin.

Rat l-affidavit ta' Antoine Busuttil prodott mill-Korporazzjoni konvenuta.

Semghat lix-zhud prodott mill-Korporazzjoni konvenuta.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi.

Rat in-nota responsiva ta' sottomissjonijiet tal-Korporazzjoni konvenuta.

Semghat it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokmenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

Il-hames atturi huma kollha impjegati mal-Korporazzjoni konvenuta f'varji karigi, kollha pero', fi zmien li nbdew dawn il-proceduri, l-fuq minn skala 11 fl-iskala tas-salarji kif indikati fil-ftehim kollettiv relattiv li gie milqugh bejn il-Korporazzjoni Enemalta fuq naha wahda u t-Taqsima Parastatali tal-General Workers Union minn naha l-ohra (DOK A). L-iskali kollha li huma l-meritu ta' dawn il-proceduri jaqghu fl-ambitu tal-imsemmi ftehim, u cioe' l-iskala 7, l-iskala 8 u l-iskala 11. Kwindi dak kollu sipulat fl-imsemmi fthim kollettiv hu applikabbli ghal din il-kawza.

Il-korporazzjoni konvenuta kienet innominata impjegat taghha (certu Alfred Debono) ghall-kariga gdida fi hdan l-istess korporazzjoni cioe' kariga ta' Operations Manager (Loss Constrol – Electricity) u dana fi skala 7 tas-salarji. L-imsemmi Debono mhux parti f'dawn il-proceduri stante li ma saret ebda talba biex l-istess Debono jigi kjamat fil-kawza. Din il-hatra saret fil-laqgha tal-Bord numru 491 tad-29 ta' Lulju 1998. Qabel din in-nomina Debono kien jokkupa impieg fi skala 11.

L-atturi jsostnu li din il-hatra saret b'mod irregolari u li jmur kontra l-imsemmi ftehim kolletiv. Skond huma ma gietx segwita l-procedura kif imnizzla fil-ftehim u cioe' kellhom jinharrgu, internament, applikazzjonijiet u kellu jintghazel wiehed fost l-applikanti. Skond l-atturi din kienet il-procedura li giet dejjem segwita qabel ma saret il-hatra in kwestjoni.

Hawnhekk l-atturi jaghmlu referenza ghall-artikolu 15 tal-imsemmi ftehim kollettiv. Dan l-artikolu, li jipprovdi dwar promozzjonijiet u mili ta' postijiet vakanti, jistipula li kull vakanza koperta mill-ftehim kellha tintela' b'sejha interna. Dettalji tal-post li kellu jintela kellhom jigu avzati fuq il-boards tal-Korporazzjoni flimkien ma sejha ghall-applikazzjonijiet, ibbazata fuq it-termini u kondizzjonijiet kif miftiehma minn qabel mill-firmatarji tal-ftehim kollettiv. L-istess artikulu 15 ikompli jipprovdi li fl-ghoti tal-promozzjonijiet u fil-mili ta' vakanzi l-Korporazzjoni ghandha tikkonsidra r-rekwiziti tal-kariga lit kun trid tintela kif ukoll il-kwalifiki, l-attitudini u s-"seniority" ta dawk l-impjegati li jkunu qed jigu konsidrati biex jimlew il-kariga vakanti.

M'hemmx dubju li dawn il-proceduri ma gewx segwiti u jirizulta li l-bord tat-tmexxija tal-Korporazzjoni konvenuta hass il-htiega li jinholoq post gdid cioe' Operations Manager (Loss Constrol – Electricity), liema kariga kienet necessarja li tinholoq b'urgenza stante li dak iz-zmien kien qed jirrizulta li kien qed isir hafna serq tal-elettriku u f'liema kariga kien hemm il-htiega li jitpogga iumpjegat li kellu l-fiducja shiha tal-bord tat-tmexxija. Difatti id-direttur haddiem li kien membru tal-bord fiz-zmien in kwestjoni,

skond ic-chairman tal-bord, kellu esperjenza fix-xoghol relatat ma din il-kariga gdida u kien ukoll fdat mill-istess bord. (Vide deposizzjoni ta’ Martin Bonello Cole, chairman dak iz-zmien tal-Bord tat-tmexxija. tal-24 ta’ Gunju 2002 - Fol.57). L-istess chairman tal-Bord ikkonferma li l-hatra saret bil-mod li saret minhabba l-urgenza, minhabba l-esperjenza fix-xoghol relatat u minhabba l-fiducja li l-bord kellu fil-persuna li kienet ser tinhatar ghall-post il-gdid.

Jirrizulta li hu minnu dak li qed jigi allegat mill-atturi u cioe’ li l-bord ma mexiex skond il-procedura stabbilita fl-artikolu 15 tal-ftehim kollettiv. Fl-opinjoni tal-Qorti, pero’, bord ta’ tmexxija jista f’sitwazzjoni li hi meqjusa bhala urgenti u f’sitwazzjoni li timmerita li jigi inkarigat f’rwol gdid xi hadd ta’ fiducja, l-istess bord jista jaghzel li ma jsegwix il-proceduri stabbiliti fl-imsemmi artikolu tal-ftehim kollettiv u jghaddi direttament biex jahtar impjegat tal-korporazzjoni ghar-rwol sensittiv in kwestjoni. In effett jidher li dawn kienu c-cirkostanzi li fihom gie maghzul l-imsemmi Alfred Debono. Inoltre lanqas ma hu zgur li l-imsemmi artikolu 15 hu applikabbli ghall-kaz in ezami.

Barra minn hekk f’sitwazzjoni fejn kien qed jigi registrat telf minn naha tal-Korporazzjoni kien hemm raguni valida bizzejjed biex tigi kkreata posizzjoni gdida cioe’ dik ta’ Operations Manager (Loss Control – Electricity) u li f’tali posizzjoni jigi mqieghed xi hadd li ghandu l-fiducja tal-Bord. Il-Bord deherlu li l-persuna idonea li seta jimla din il-posizzjoni kien il-haddiem direttur li bhala tali kien ukoll jattendi ghas-seduti tal-Bord. Appuntu ghalhekk jista jinghad li l-Bord ta’ tmexxija kien jaf tajjeb il-karattru u l-hiliet ta’ Debono.

Barra minn hekk fil-ftehim kollettiv stess hu rikonoxxut li meta xi hadd jinhatar f’xi posizzjoni ghandhom jigu kkonsidrati da parti tal-Korporazzjoni r-rekwiziti tal-kariga kif imqabblin ma l-kwalifiki u l-attidunijiet tal-kandidat porospettiv. Effettivamet skond ir-ragunijiet li ta l-Bord ghad-decizjoni tieghu in kwestjoni, in effett dan hu dak li ghamel il-Bord meta nnomina lil Debono ghall-post in kwestjoni. Kwindi l-hatra in kwestjoni ma tirrizultax li hi rregolari izda li setghet tittiehed fic-cirkostanzi li kienu

prevalenti meta l-Bord ghamel din il-hatra. Inoltre jidher lid an ma kienx kaz uniku izda l-istess procedura li giet segwita fil-kaz in ezami giet imhaddma ukoll f'kazijiet ohra.

Ghalhekk ma jirrizultawx l-elementi kollha necessarji biex jigi dikjarat li fil-hatra in kwestjoni l-Korporazzjoni konvenuta agixxiet b'mod abusiv u illegali u kwindi lanqas ma tista tiqies li hi nulla il-procedura li wasslet biex saret il-hatra in kwestjoni u li l-istess hatra hi nulla u bla effett.

Kwantu ghat-talbiet l-ohra kolha jigi rilevat li jirrizulta li l-atturi kollha steghu japplikaw ghal din il-posizzjoni gdida li nholqot mill-Bord in vista tac-cirkostanzi prevalenti. Pero' in vista tal-fatt li l-Bord ma mexiex skond dak li kien mistenni minnu u skond l-obbligi tieghu assunti versu l-haddiema, jista' jinghad li l-atturi sofrew ingustizzja u kwindi jimmeritaw li inghataw kumpens. F'dan ir-rigward ghandu jitqies li l-atturi Darmanin u Borda kienu jokkupaw grad fl-iskala tas-salarju oghla mit-tlett atturi l-ohra u l-istess zewg atturi kienu vicin hafna tal-grad li nghata Debono meta gie mahtur biex jokkupa l-kariga gdida. Ghandhom jigu ukoll konsidrati t-telf li setghu sofrew l-atturi minhabba d-differenza fil-paga u allowances li tilfu stante li setghu jigu promossi ghal grad oghla. Ghandu pero' ukoll jigi kkonsidrat li mhux l-atturi kollha setghu nghataw il-kariga gdida izda eventwalment u finalment wiehed minnhom biss kien ser jigi nominat ghal kariga. Inoltre effettivament il-post il-gdid ma nholoqx u ghalhekk nonostante li l-atturi setghu japplikaw eventwalment il-post ma kienx jinghata lil xi wiehed minnhom. F'dawn ic-cirkostanzi l-uniku mod kif jista jigi kalkolat il-kumperns dovut hu “arbitrio boni viri.”

Ghal dawn ir-ragunijiet kollha tillikwida l-kumpens dovut “arbitrio boni viri” lill-atturi Edward Darmanin u Charles Borda fis-somma ta' tmint elef euro (€8000) kull wiehed u kwantu ghall-atturi l-ohra kollha fis-somma ta' sitt elef euro (€6000) kull-wiehed minnhom u cioe' lill-atturi Joseph Debono, Charles Grech u Mark Magro.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet tal-atturi konformement ma dak kollu li gie premess fil-presenti sentenza u in kwantu ghar-rimanenti talbiet tilqa l-istess talbiet u tiddikjara li l-atturi setghu applikaw biex jinhatru ghal post il-gdid li kien ser jigi kkreat pero' minhabba il-procedura adottata mill-bord tat-tmexxija gew prekluzi milli japplikaw u b'hekk soffrew ingustizzja u ghalhekk jimmeritaw li jigu kompensati billi jinghataw somma ta' flus lil kull wiehed mill-atturi u tillikwida tali kumpens "arbitrio boni viri" kwantu ghall-atturi Edward Darmanin u Charles Borda fis-somma ta' tmint elef euro (€8000) kull wiehed u kwantu ghall-atturi l-ohra kollha fis-somma ta' sitt elef euro (€6000) kull-wiehed minnhom, cioe' lill-atturi Joseph Debono, Charles Grech u Mark Magro. Tikkundanna lill-Korporazzjoni konvenuta thallas l-imsemmi kumpens lil kull wiehed mill-atturi u dan bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez kollha jithallsu mill-Korporazzjoni konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------